**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Marzu, 2019

Rikors Nru : 196/18 AL

AB

Vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tiegħu, wara li ppremetta :

**1)** Illi l-kontendenti zzewgu f'Malta nhar is-7 ta' Lulju 2001 u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

**2)** Illi l-kontendenti kienu sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn nutar Ritienne Bugeja Fenech nhar il-11 ta' Gunju 2003;

**3)** Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw inter alia l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu irrinunzjaw ghad-drittijiet rispettivi taghhom illi jitoblu u jircievu manteniment minghand xulxin;

**4)** Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

**5)** Illi ghalhekk, il-kondizzjonijiet mahsuba fl-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-kontendenti kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni surriferit, m'huwiex mehtieg illi jsir medjazzjoni bejniethom.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex :

Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' April, 2018;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimata debitament notifikata, ma dehritx għall-dawn il-proċeduri u ma preżentatx risposta;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-11 ta' Ġunju 2003;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;